# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 17 ta' Ottubru 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Bondin)**
**vs**
**George Farrugia**

**Drogi Numru@ 239/2019**

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi George Farrugia, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 253659 (M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-24 ta' Awwissu, 2015 u fis-sena ta' qabel din id-data:

a) Kellu fis-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta tal-Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta' l-Art 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu jw taht il-kontroll tieghu arma tan-nar jew munizzjoni elenkati fl-iskeda II, minghajr ma' kellu licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija skond l-Art 5(1) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti, giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-ordni ta'l-Avukat Generali a tenur ta'l-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta biex dan il-kaz jinstema u jigi trattat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u d-dikjarazzjoni ta'l-ufficjal prosekutur li l-fatti ta' dan il-kaz in kwantu jirreferu ghat-tieni imputazzjoni jinkwadraw ruhhom f'l-ewwel proviso ta'l-artikolu 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 8(a) u 22(1)(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 ta'l-Avviz Legali 292 tas-sena 1939, u l-artikolu 5(1) u t-tieni proviso ta'l-artikolu 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputati hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u fil-waqt li tikkundannah **multa ta' tmien mitt Euro (€800),** b'applikazzjon ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta **tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.** In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 56 tal-Kapitolu 480 **qed tikkonfiska l-armi esebiti Dok MB3** u b'applikazzjoni tal-artikolu 57 tal-Kapitolu 480 qed **tiskwalifika lill-imputat minn kull licenzja taht il-Kapitolu 480 ghal perjodu ta' hames snin**.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordiunarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat oiehor fi zmien sentejn.

**DR. DOREEN CLARKE LL.D**
**MAGISTRAT**